



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.4.2013
COM(2013) 231 final

GREEN PAPER

It-tħejjija għal Dinja Awdjoviżiva Konverġenti b'Mod Komplet: Tkabbir, Ħolqien u Valuri.

WERREJ

1	Introduzzjoni	3
2.	It-tkabbir u l-innovazzjoni	4
2.1.	Konsiderazzjonijiet tas-suq	5
2.2.	Mudelli ta' finanzjament	8
2.3.	L-interoperabilità tat-TV konnessa	9
2.4.	L-infrastruttura u l-ispettru.....	10
3.	Valuri	11
3.1.	Il-qafas regolatorju	11
3.2.	Il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu.....	13
3.3.	Komunikazzjonijiet kummerċjali.....	15
3.4.	Il-ħarsien tal-minorenni.....	15
3.5.	L-aċċessibilità għal persuni b' diżabbiltà.....	16
4.	Il-passi li jmiss	17

GREEN PAPER

It-tħejjija għal Dinja Awdjoviżiva Konverġenti b'Mod Komplet: Tkabbir, Ħolqien u Valuri.

1. INTRODUZZJONI¹

L-għan ta' din il-Green Paper huwa li tidnieda diskussjoni pubblika wiesgħa dwar l-implikazzjonijiet tat-trasformazzjoni attwali tal-panorama tal-midja awdjoviżiva, karatterizzata minn żieda kostanti fil-konverġenza ta' servizzi tal-midja u l-mod li bih dawn is-servizzi jiġu kkunsmati u jingħataw.

Konverġenza tista' tinftehem bħala fużjoni progressiva ta' servizzi ta' xandir tradizzjonali u tal-Internet. Din tirriżulta f'possibbiltajiet ta' viżjoni li jvarjaw minn settijiet tat-televixin b'konnettività tal-Internet miżjuda għal kaxex tad-dekower li jwasslu kontenut awdjoviżiv "over-the-top" (OTT) fn² bsa servizzi tal-midja awdjoviżivi pprovduti permezz ta' PCs, laptops jew tablets u tagħmir mobbli ieħor. Il-konsumaturi jużaw it-tablets jew is-smartphones filwaqt li fl-istess ħin jaraw it-televixin, pereżempju biex jiskopru aktar dwar x'ikunu qed jaraw jew biex jikkomunikaw mal-ħbieb jew mal-programmtelevizivinnifsu.

Qed tiċċajpar id-distinzjoni bejn ix-xejriet tipiċi tas-seklu għoxrin talkonsum tax-xandir lineari li jasal fis-settijiet tat-TV u s-servizzi fuq talba (on-demand) riċevuti mill-kompjuters. Barra minn hekk, ma' kull smartphone li jippermetti konverġenza tal-produzzjoni kif ukoll il-konsum, jista' jkun hemm bidla fil-ġejjieni, minn konsum passiv għal parteċipazzjoni attiva.

Huwa mistenni li televixins b'konnettività se jiżdidu minn 40.4 miljun apparat sal-aħħar tal-2012³ għal preżenza fil-maġġoranza tad-djar b'TV fl-UE sal-2016⁴.

Fir-rigward tal-użu tal-funzjonijiet abilitati permezz ta' konnettività miżjuda tal-Internet, ir-rata rappurtata fir-Renju Unit fl-2012 – li hija l-ogħla fl-UE – kienet ta' 11 % tal-bażi stallata, meta mqabbla mal-44 % fiċ-Ċina, it-18 % fil-Korea u s-17 % fl-Indja⁵. Fl-Istati Uniti, hija prevista żieda mit-22.5 % attwali ta' djar fl-Istati Uniti li jużaw televixins konnessi li jinkludu konnessjonijiet OTT u konsowls tal-logħob għal 43.1 % sal-2016⁶.

Fil-waqt li ż-żmien ġenerali mqatta' quddiem it-televixin lineari huwa madwar erba' sigħat kuljum fl-UE kollha⁷, l-esperjenza ta' TV tal-konverġenza qiegħda dejjem aktar issir realtà u l-atturi tas-suq qegħdin jiżviluppaw u jadattaw il-mudelli tan-negożju. It-teknoloġija diġà tippermetti lill-utent joħloq, iqassam u jaċċessa t-tipi kollha ta' kontenut, irrispettivament mill-ħin, il-post jew l-apparat. Il-viżjoni tal-Kummissjoni hija li taħtaf din l-opportunità ta' dan l-ambjent teknoloġiku li qed jinbidel biex tiżgura l-akbar aċċess possibbli għal kontenut Ewropew diversifikat għall-Ewropej kollha u biex tiżgura l-usa' għażla ta' offerti ta' kwalità għolja. Il-kapaċità teknoloġika li jitwassal kontenut biex ikun legalment aċċessibbli mit-telespettaturi flUE kollha tista' tagħti inċentiv ukoll lill-atturi tas-suq biex joħolqu tipi ġodda ta' kontenut.

¹ Għall-glossarju tat-termini rilevanti ara <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/connectedTV>.

² L-atturi tal-over-the-top jipprovdut kontenut awdjoviżiv onlajn mingħajr ma jkun huma wkoll fornituri ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

³ IHS Screen Digest.

⁴ IHS Screen Digest.

⁵ <http://www.pnewswire.com/news-releases/western-viewers-fall-behind-in-the-web-connected-tv-revolution-168126616.html>.

⁶ Sors: e-marketer.

⁷ Yearbook of the European Audiovisual Observatory, Volum II, paġna 171.

Il-ħtieġa li l-atturi ekonomiċi privati jkunu aktar innovattivi u li jfasslu l-politika jiżguraw kundizzjonijiet ta' qafas ġusti, u li jirriflettu dwar ir-reazzjonijiet possibbli tal-politika pubblika, tnissel il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Kif nistgħu nittrasformaw dan il-proċess ta' konverġenza f'suq Ewropew akbar fi tkabbir ekonomiku u f'innovazzjoni tan-negozju fl-Ewropa (il-Kapitolu 2)?

- X'inhuma l-implikazzjonijiet tal-konverġenza għall-valuri bħalma huma l-pluraliżmu tal-midja, id-diversità kulturali, u l-protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi gruppi speċifiċi bħalma huma l-minorenni (il-Kapitolu 3)?

Peress li l-konverġenza gradwalment se ssir aktar tanġibbli matul id-deċennju li ġej, jista' jkollha impatt fil-ġejjieni fuq għadd ta' strumenti legali inklużi id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD)⁸ — il-qalba ta' din il-Green Paper – id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku⁹ u l-qafas tal-komunikazzjonijiet elettroniki¹⁰. Il-konsultazzjoni mhi qed tippresupponi ebda eżitu speċifiku. Madankollu, l-eżitu ta' din il-konsultazzjoni jista' twitti t-triq għal reazzjonijiet regolatorji possibbli u oħrajn ta' politika aktar fit-tul, b'mod partikolari billi jingħaqdu flimkien inizjattivi tal-Kummissjoni, bħalma hija l-Koalizzjoni ta' Internet Aħjar għat-Tfal¹¹, l-attivitajiet possibbli biex isegwu r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Libertà u l-Pluraliżmu tal-Midja¹², kif ukoll il-ħidma dwar inizjattivi awtoregulatorji.

2. IT-TKABBIR U L-INNOVAZZJONI

Fl-2012, 22 % taċ-ċittadini tal-UE użaw tagħmir tmobbli biex jiksbu aċċess għall-internet¹³. Sal-2016, huwa mistenni li l-maġġor parti tat-traffiku fuq l-Internet (f'volumi) se jkun fil-vidjow u l-maġġor parti tat-traffiku IP se jkun kanalat prinċipalment permezz tal-WI-FI u t-tagħmir mobbli¹⁴.

⁸ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010), p. 1-24.

⁹ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku), ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1-16.

¹⁰ Eż. L-Artikolu 31, id-Direttiva dwar is-Servizz Universali, il-politika tal-ispettru, l-Artikolu 6, id-Direttiva dwar l-Aċċess.

¹¹ <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/creating-better-internet-kids>.

¹² http://ec.europa.eu/information_society/media_taskforce/doc/pluralism/hlg/hlg_final_report.pdf.

¹³ Eurostat 2012 Individuals - Mobile Internet aċċess (isoc_ci_im_i).

¹⁴ http://www.cisco.com/en/US/solutions/collateral/ns341/ns525/ns537/ns705/ns827/white_paper_c11-481360_ns827_Networking_Solutions_White_Paper.html.

Ċifri ewlenin — konsum tal-kontenut awdjoviżiv li qed isir onlajn

L-infiq tal-konsumaturi fuq vidjows diġitali (films u sensiiet televiżivi mogħtija fuq l-internet) laħaq EUR 364.4 miljun fl-2011 (+ 41,8 % vs. 2010) fl-Ewropa f' suq ta' vidjows fiżiċi u diġitali li jammonta għal EUR 9493.8 miljun (-4.6 % vs. 2010)¹⁵.

Id-domanda mhux sodisfatta għas-servizzi tal-vidjow fuq talba (VoD) minn operatori tat-TV bil-ħlas minn Stati Membri oħra hija stmata li hi fil-firxa ta' bejn EUR 760 miljun u EUR 1,610 miljun fis-sena¹⁶.

L-utenti tal-vidjow fuq l-Internet mistennija jiżdiedu globalment għal 1.5 biljun sal-2016, minn 792 miljun fl-2011¹⁷.

306 servizz ta' vidjow fuq talba (VoD) fl-UE fit-tielet kwart tal-2012¹⁸.

72 siegħa ta' vidjow huma applowdjati fuq il-YouTube kull minuta.

Għall-manifatturi tat-tagħmir u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija, jeżistu opportunitajiet biex jaqdu suq b'apparat innovattiv li qed jikber u li jinkludi interfaċċi u soluzzjonijiet għall-aċċessibilità faċli għall-utent. L-operatori tan-netwerk se jaraw żieda fid-domanda għall-medda ta' frekwenzi b'impatt pożittiv fuq l-investimenti f'netwerks b'veloċità għolja. L-awturi tal-kontenut jistgħu jsibu modi ġodda kif jimmassimizzaw l-udjenza tagħhom, isarrfu xogħolhom fi flus u jesperimentaw b'modi kreattivi biex jipproduċu u joffru l-kontenut. Ix-xandara jistgħu jsibu aktar pjattaformi¹⁹ biex iqassmu l-kontenut tagħhom u jkabbru l-offerti interattivi tagħhom.

L-elementi ewlenin biex dan il-potenzjal jitwettaq huma familjari: suq kbir biżżejjed biex jikber, ambjent kompetittiv, rieda biex jinbidlu l-mudelli tan-negozju, interoperabbiltà u infrastruttura adegwata. Biex il-futur tal-midja xprunat mill-Internet jieħu sura, l-Ewropa jeħtigilhatimplimenta dawk l-elementi filwaqt li trawwem il-valuri li jsostnu r-regolamentazzjoni tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi.

2.1. Konsiderazzjonijiet tas-suq

L-UE hija kkaratterizzata minn diversità kulturali u lingwistika li hija potenzjalment vantaġġ kompetittiv fis-suq dinji, iżda titqies ukoll bħala sfida f'ambjent ikkaratterizzat minn effetti tan-netwerk.

L-effetti tan-netwerk fid-dinja tal-midja u tal-Internet jistgħu jagħtu vantaġġ komparattiv sinifikanti lill-operatori u l-fornituri li joperaw legalment f'suq mingħajr frontieri li jippermettilhom jakkumulaw baġits imdaqqa u jieħdu vantaġġ mill-ekonomiji ta' skala. Kandidati li jipproponu kontenut awdjoviżiv onlajn jistgħu jdawru lit-368 miljun u aktar utent tal-Internet fl-UE²⁰ f'telespettaturi potenzjali u b'hekk jisfidaw il-pożizzjoni tal-atturi

¹⁵ International Video Federation Yearbook 2012.

¹⁶ http://ec.europa.eu/internal_market/media/docs/elecpay/plum_tns_final_en.pdf.

¹⁷ <http://newsroom.cisco.com/press-release-content?type=webcontent&articleId=888280>.

¹⁸ European Audiovisual Observatory; il-pjattaformi kollha kkunsidrati: pure internet, bejgħ onlajn (electronic sell-through, ETS), konsowls tal-logħob, kejbil, televixin fuq l-internet (IPTV), STB dedikat, smartphones, smart TVs, Push VoD (satellita, DTT) bl-eċċezzjoni ta' apps fl-iTunes u fil-Google Play App Store. Ma tinkludix: arkivji, trejlers, sensiliet televiżivi, xandiriet għall-adulti, taħriġ, katalgi ta' aġġornament tal-kanali tal-films.

¹⁹ Pjattaformi jistgħu jiġu integrati fit-tagħmir mill-manifatturi jew provduti minn atturi oħrajn bħalma huma l-operatori tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tal-kejbil, atturi jew xandara over-the-top (OTT).

²⁰ <http://www.internetworldstats.com/stats9.htm>.

tradizzjonali. Dan huwa sikwit il-każ tal-atturi fl-Istati Uniti li rnexielhom indirizzaw is-suq frammentat tal-UE.

Fl-Ewropa, l-esperjenza tal-konsumatur bis-servizzi tal-midja awdjoviżivi mogħtija onlajn għadha ta' sikwit waħda ta' għażla limitata u ta' diżattivazzjoni tal-aċċess ta' spiss ibbażata fuq id-delimitazzjonijiet ġeografiċi. Applikazzjonijiet f'settijiet tal-ismart TV ta' sikwit huma ristretti minn settings nazzjonali u minn għażliet magħmula minn qabel mill-manifatturi, u l-aċċess għall-kontenut minn pajjiżi oħra tal-UE huwa ta' spiss imblukkat.²¹

It-teknoloġija se tgħin biex jingħelbu dawn l-ostakli. Il-produtturi tal-kontenut, il-fornituri tas-sottotitli u r-riċerkaturi bdew joħolqu alleanzi biex jaqsmu r-riżorsi u l-għodod lingwistiċi disponibbli (eż. *corpora*²² tas-sottotitli miżmuma mill-produtturi)²³.

L-esperjenza tal-konsumatur tal-futur

a) Studenta Pollakka li qiegħda tqatta' s-sena tal-Erasmus tagħha f'Londra tista' taċċessa l-offerti awdjoviżivi kollha mill-operaturi Pollakki b'karta ta' kreditu — bl-istess mod kif kienet tagħmel fi Krakovja peress li s-servizzi Pollakki huma pprovduti f'Londra.

b) Seħibha li jgħix magħha ġej mir-Renju Unit u qiegħed jikteb teżi dwar xogħlijiet ta' regiġi Portugiżi. Hu jista' faċilment jaċċessa l-materjal minn fornituri Portugiżi ta' kontenut awdjoviżiv. L-inkwilini tal-flett ta' spiss isegwu flimkien l-avvenimenti sportivi minn pajjiżi varji tal-UE.

Il-Green Paper dwar id-distribuzzjoni onlajn tax-xogħlijiet awdjoviżivi ppruvat titfa' aktar dawl fuq kwistjonijiet konnessi mad-drittijiet tal-awtur²⁴. Il-Kummissjoni se tippubblika r-riżultati ta' dik il-konsultazzjoni fl-2013. F'Diċembru 2012²⁵, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid l-impenn tagħha biex taħdem favur qafas modern tad-drittijiet tal-awtur u qablet fuq żewġ linji paralleli ta' azzjoni: djalogu strutturat għall-partijiet interessati fl-2013 biex ikunu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet (inklużi il-portabilità tal-kontenut bejn il-frontieri u l-aċċess għal xogħlijiet awdjoviżivi) fejn hemm bżonn ta' progress rapidu; u t-tlestija ta' studji tas-suq, valutazzjonijiet tal-impatt u xogħol tal' abbozzar legali, bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni fl-2014 jekk jiġux ippreżentati proposti ta' riforma legiżlattivi²⁶. Għalhekk kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur mhux se jiġu koperti fid-dettall minn din il-Green Paper.

Mill-perspettiva tal-forniment, id-dinja tal-midja llum hija waħda f'kompetizzjoni għall-attenzjoni tal-konsumaturi. Atturi fis-suq (eż. operaturi tat-TV bil-ħlas, xandara free to air kummerċjali u ta' servizz pubbliku, distributuri tal-VoD u manifatturi tal-apparati) jippruvaw jiddifferenzjaw l-offerti tagħhom billi jipprovdu kontenut primjum jew attraenti, inkluż fuq bażi esklussiva jew interfaċċi li jistgħu jintużaw faċilment mill-utent. L-offerta akbar ta' kontenut f'termini ta' kwalità u diversità qed tbiddel il-panorama tal-divertiment.

²¹ Study on the economic potential of cross-border pay-to-view audiovisual media services TNS opinion, Plum, the futures company - Study prepared on behalf of the European Commission – January 2012 http://ec.europa.eu/internal_market/media/elecpay/index_en.htm#maincontentSec1.

²² Il-kumpaniji tas-sottotitli jew il-produtturi/distributuri tal-films għandhom *corpora* (bażijiet tad-dejta) kbar ta' sottotitli, ta' spiss f'bosta lingwi differenti b'mod parallel. Dan hija materja prima siewja ħafna biex ikunu żviluppati s-sistemi ta' traduzzjoni awtomatika personalizzata.

²³ Eż. SUMAT (www.sumat-project.eu) u SAVAS (www.fp7-savas.eu) u l-Programm ta' Ħidma tal-2013, p. 47 <http://cordis.europa.eu/fp7/ict/docs/ict-wp2013-10-7-2013-with-cover-issn.pdf>.

²⁴ Green Paper dwar it-tqassim tax-xogħlijiet awdjoviżivi onlajn fl-Unjoni Ewropea: l-opportunitajiet u l-isfidi biex nimxu lejn suq diġitali uniku (COM(2011) 427 finali).

²⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontenut fis-Suq Uniku Diġitali, COM(2012) 789 finali.

²⁶ L-elementi li ġejjin se jkun indirizzati: territorjalità fis-Suq Intern; armonizzazzjoni, limitazzjonijiet u eċċezzjonijiet fid-drittijiet tal-awtur fl-era diġitali; frammentazzjoni tas-suq tad-drittijiet tal-awtur tal-UE; u kif jittejjbu l-effettività u l-effiċjenza tal-infurzar filwaqt li tintrifed il-leġittimità fil-kuntest usa' tar-riforma tad-drittijiet tal-awtur.

FI-2009²⁷, ix-xandara tal-UE investew madwar terz tad-dħul tagħhom fil-kontenut. Mill-programm ta' EUR 34.5 biljun minfuq fl-UE mix-xandara, madwar EUR 15.6 biljun intefqu fuq l-akkwist tad-drittijiet — EUR 5.8 biljun fuq drittijiet sportivi u EUR 9.8 biljun għal films u TV²⁸. Il-kontenut primjum (avvenimenti sportivi ewlenin u films reċenti ta' suċċess, l-hekk imsejħa blockbusters) jiġġenera domanda kbira u dħul sinifikanti fis-settur awdjoviżiv. Il-parteċipazzjoni tal-BT (British Telecom) fis-sejħa għall-offerti tal-Premier League għad-drittijiet televiżivi għal-logħbiet tal-futbol għal tliet staġuni mill-2013/14 irriżultat f'rekord ta' £3 biljun, żieda ta' 71%²⁹ fuq il-ftehim preċedenti ta' tliet staġuni. FI-Istati Uniti, Netflix jonfoq madwar \$4.8 biljun f'kontenut ta' streaming fl-2011/12.

Is-suċċess jista' jiddependi fuq il-ħila li dan il-kontenut ikun offrut konsistentement lit-tele spettaturi. Filwaqt li ftehimiet esklussivi bejn l-operaturi tal-pjattaforma u l-fornituri tal-kontenut ffurmaw il-bażi biex il-produtturi tal-kontenut jamortizzaw l-investimenti tagħhom, dawn jistgħu wkoll jillimitaw il-possibilitajiet ta' partijiet terzi li jipprovdu dan il-kontenut lill-udjenzi tagħhom. Dawn jistgħu jikkostitwixxu l-ostakoli għad-dħul ta' parteċipanti ġodda.

Barra minn hekk, meta l-pjattaformi jilhqqu livell għoli ta' popolarità fost l-utenti u jsiru mezz ewlieni għall-fornituri tal-kontenut biex jilhqqu l-udjenzi, jista' jitqanqal it-tħassib li dawn il-pjattaformi jistgħu jiffavorixxu ċerti kumpaniji jew is-servizzi tagħhom stess, fil-każ ta' kumpaniji integrati vertikament. Barra minn hekk, l-aċċess ta' dawn il-pjattaformi għal firxa wiesgħa ta' dejta tal-utenti jista' jagħtihom vantaġġ kompetittiv addizzjonali³⁰. Ċerti Stati Membri, bħalma hu r-Renju Unit, ikkunsidraw il-bżonn li jimponu obbligi *ex ante* fuq ir-rilaxx għall-aċċess għal avvenimenti sportivi diretti tal-ogħla livell u għal films ta' Hollywood li jkunu għadhom kif haġġu, meqjusin essenzjali għall-kompetituri biex ikunu vijabbli fin-negożju.

Ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni huma użati fil-livell nazzjonali u Ewropew biex jindirizzaw abbużi possibbli tal-poter fis-suq f'ċirkostanzi fejn kumpanija jkollha pożizzjoni dominanti f'suq rilevanti. F'dan il-kuntest hemm bżonn li jiġi żgurat li suq pront u effettiv ikun possibbli f'ambjent ta' dinja b'konverġenza dejjem tikber.

Il-Kummissjoni interveniet f'bosta okkażjonijiet biex tiżgura l-kompetizzjoni fil-bejgħ konġunt tad-drittijiet tal-midja għall-isport³¹. Din aċċettat rimedji fil-kuntest ta' każijiet ta' amalgamazzjoni biex tiżgura li l-kontenut tal-premium films u d-drittijiet tal-isport jibqgħu aċċessibbli³². F'dan il-kuntest, tista' tiġi nnutata l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) dwar rifjuti għal liċenzja³³. Ir-rifjut mid-detentur ta' dritt li jgawdi minn pożizzjoni dominanti li jagħti aċċess għal prodott jew servizz indispensabbli biex jitwettagħ ċertu negożju, jista' jkun abbużiv jekk dak ir-rifjut ma jħallix l-introduzzjoni ta'

²⁷ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-Ewwel Rapport dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 13, 16 u 17 tad-Direttiva 2010/13/UE għall-perjodu 2009-2010: Promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej fis-servizzi tal-midja awdjoviżiva fuq talba u skedati tal-UE, COM/2012/0522.

²⁸ Final study on the implementation of the provisions of the Audiovisual Media Services Directive concerning the promotion of European works in audiovisual media services, it-13 ta' Diċembru 2011.

²⁹ <http://www.guardian.co.uk/media/2012/jun/13/premier-league-tv-rights-3-billion-sky-bt>.

³⁰ Ara wkoll 3.1 dwar il-protezzjoni tad-dejta.

³¹ Il-Każijiet COMP/38.173 — Bejgħ kongunt tad-drittijiet tal-media għall-FA Premier League, COMP//37.214 — Joint selling of the media rights to the German Bundesliga [Bejgħ kongunt tad-drittijiet tal-midja lill-Bundesliga Germaniża], u COMP/37.398 — Joint selling of the commercial rights of the UEFA Champions League [Bejgħ kongunt tad-drittijiet kummerċjali tal-UEFA Champions League].

³² Il-Każ COMP/M.2876 Newscorp//Telepiù.

³³ Il-Kawża C-418/01 IMS Health, C-418/01, GmbH & Co. OHG v NDC Health GmbH & Co. KG [2004] ECR I-5039.

prodott ġdid li għalih hemm domanda potenzjali tal-konsumatur, ma jkunx ġustifikat u tali li jeskludi kwalunkwe kompetizzjoni f'suq sekondarju. Fil-każ tal-Premier League, il-QĠUE ddikjarat li filwaqt li l-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE ma tipprekludix detentur ta' dritt li jagħti lil liċenzjat uniku drittijiet esklussivi għax-xandir għal avveniment sportiv fi Stat Membru wieħed jew aktar, detentur ta' dritt ma jistax jipprojbixxi lil-liċenzjat esklussiv milli jagħti servizz transkonfinali marbut max-xandir ta' dan l-avveniment sportiv³⁴. Dan għaliex din il-projbizzjoni tkun tippermetti lil-liċenzjat jingħata esklussività territorjali assoluta fiż-żona koperta mil-liċenzja tiegħu, u b'hekk tiġi eliminata l-kompetizzjoni kollha bejn ix-xandara u s-suq intern jinqasam f'partijiet if'konformità mal-ambitu tad-drittijiet esklussivi tax-xandir.

Iqumu wkoll konsiderazzjonijiet marbuta mal-kompetizzjoni fir-rigward tal-finanzjament tax-xandara tas-servizz pubbliku. Ix-xandara tas-servizz pubbliku ta' sikwit jestendu l-attivitajiet tagħhom lid-dinja onlajn b'applikazzjonijiet u paġni tal-web. Filwaqt li xi atturi jilqgħu din l-estensjoni, oħrajn iħarsu lejha bħala kompetizzjoni diretta mal-offerti kummerċjali tagħhom, li ma jibbenefikawx minn finanzjament pubbliku. Fl-2009, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għax-xandara tas-servizz pubbliku fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda, inklużi l-pjattaformi u t-teknoloġiji ta' distribuzzjoni. Il-Komunikazzjoni teħtieġ l-introduzzjoni ta' test *ex ante*. Dan jinvolvi konsultazzjoni pubblika dwar servizzi ġodda sinifikanti mmedija mix-xandara tas-servizz pubbliku, biex b'hekk tippermetti lill-Istati Membri jivvalutaw l-impatt ta' servizz ġdid fis-suq u biex tkun ibbilanċjata fl-isfond tal-valur tagħha għas-soċjetà.

MISTOQSIJET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (1) X'inhuma l-fatturi li jippermettu lill-kumpaniji tal-Istati Uniti jistabbilixxu preżenza ta' suċċess fis-suq frammentat tal-UE minkejja ostakli lingwistiċi u kulturali, filwaqt li ħafna kumpaniji tal-UE jbatu? X'inhuma l-fatturi li jxekklu l-kumpaniji tal-UE?
- (2) X'inhuma l-fatturi li jaffettwaw id-disponibbiltà ta' kontenut primjum? Hemm bħalissa prattiki relatati mal-kontenut primjum fil-livell tal-ingrossa li jaffettwaw l-aċċess għas-suq u operazzjonijiet sostenibbli ta' negozju? Jekk iva, x'inhu l-impatt fuq il-konsumaturi? Hemm ħtieġa ta' intervent regolatorju li jmur lil hinn mill-applikazzjoni tar-regoli eżistenti tal-kompetizzjoni?
- (3) Hemm ostakli fl-aċċess tal-pjattaformi li jeħtieġu azzjoni regolatorja?

2.2. Mudelli ta' finanzjament

Konverġenza progressiva, bidla fl-imġiba tal-konsumatur³⁵ u mudelli ġodda ta' negozju li qed jinbtu għandhom impatt fuq il-finanzjament ta' produzzjoni awdjoviżiva.

³⁴ Il-Kawżi konġunti C-403/08 u C-429/08 *Football Association Premier League Ltd et. vs QC Leisure et. u Karen Murphy vs Media Protection Services Ltd*, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2011. Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi online", tal-11 ta' Jannar 2012, p. 7.

³⁵ Tnaqqis fl-infiq tal-konsumatur fuq id-DVDs, -7.7% mill-2010 sal-2011, bl-infiq tal-konsumatur tal-VoD jikber b'20.1% għal total ta' EUR 1.2 biljun. The European Video Yearbook, 2012, p. 7. Bejn l-2008 u l-2010, il-ħin tal-vidjow segwit onlajn idroppja sa 31 minuta kuljum; fi Franza dan kiber b'104 % sa 24 minuta kuljum. Sors: Cimscore.

Il-formati ta' programmi u sesnsiliet televiżivi³⁶ qed jiġu nneozjati dejjem aktar fl-Ewropa — kultant aġġustati għall-gosti lokali — u esportati lejn partijiet oħra tad-dinja³⁷. Jidher li hemm potenzjal għal aktar kooperazzjoni dwar produzzjonijiet fejn l-ostakli lingwistiċi huma iżgħar, eż. programmi għat-tfal jew dokumentarji. Barra mill-ispettakli tat-televixin żviluppatti minn produtturi professjonali, kontenut iġġenerat mill-utent jista' jilħaq udjenzi sinifikanti, possibbilment integrat mix-xandara fl-iskeda lineari tagħhom. Barra minn hekk, l-atturi OTT jistgħu joffru s-sensiliet u l-spettakli diretti tat-TV tagħhom stessu jakkwistaw drittijiet għall-kontenut primjum.

L-Istati Membri żviluppaw diversi modi kif tista' ssir promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej inklużi diversi modi kif jiġu faċilitati l-produzzjoni, il-finanzjament u t-tqassim tagħhom lil udjenza aktar wiesgħa. L-AVMSD tistabbilixxi perċentwali obbligatorji ta' xogħlijiet Ewropej u indipendenti li jridu jixxandru minn xandara tal-UE. Għal servizzi tal-midja awdjoviżivi mhux lineari, l-obbligu li jkunu promossi xogħlijiet Ewropej huwa fformulat b'mod aktar flessibbli bil-possibilità li jintalbu kontribuzzjonijiet finanzjarji mix-xandara u l-fornituri tas-servizzi fuq talba sabiex isostnu l-produzzjoni tax-xogħlijiet Ewropej. Madankollu, filwaqt li l-Istati Membri qegħdin ġeneralment jissodisfaw ir-rekwiżiti legali attwali, qegħdin jikkonċentraw l-isforzi tagħhom fuq il-produzzjonijiet domestiċi. Ix-xogħlijiet Ewropej mhux domestiċi jlaħħqu biss 8.1 %³⁸ tas-sigħat tax-xandir fl-UE.

It-tendenza għall-pjattaformi tal-VoD li jinvestu f'kontenut oriġinali turi li dawn l-atturi l-ġodda huma investituri potenzjali ġodda fil-kontenut awdjoviżiv. Biż-żieda dinamika fis-servizzi tal-VoD u minħabba l-kontribut attwali tax-xandara lill-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej, għaddejjin diskussjonijiet f'xi Stati Membri rigward il-kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-kontenut minn atturi ġodda bbażati fuq l-Internet, involuti direttament fl-esplojtazzjoni tiegħu. Dan jista' jqajjem kwistjonijiet speċifiċi rigward kontribuzzjonijiet minn atturi li mhumiex Ewropej.

MISTOQSIJET GĦALL-KUNSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (4) Ir-rekwiżiti attwali tal-AVMSD jipprovdu l-aħjar mod biex jippromwovu l-kreazzjoni, id-distribuzzjoni, id-disponibilità u l-attrazzjoni tas-suq tax-xogħlijiet Ewropej?
- (5) Il-konverġenza u l-bidla fl-imġiba tal-konsumatur kif se jinfluwenzaw is-sistema attwali tal-finanzjament tal-kontenut? L-atturi differenti fil-katina l-ġdida tal-valur kif qed jikkontribwixxu għall-finanzjament?

2.3. L-interoperabilità tat-TV konness

L-apparat u s-servizzi tat-TV konness jiddependu fuq varjetà ta' standards tas-setturi tax-xandir, tal-IT u tat-telekomunikazzjoni³⁹. Il-konverġenza terġa' tiftaħ il-kwistjoni ta' liema approċċ għandu jittieħed fil-konfront tal-istandardizzazzjoni, meta wieħed iżomm f'moħħu il-

³⁶ Ara n-nota tal-qiegħ 28: Skont l-istudju dwar l-implimentazzjoni tal-AVMSD dwar il-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej, matul il-perjodu 2006-2008 l-esportazzjoni ta' formati mill-Ewropa lejn l-Amerika ta' Fuq, l-Amerika ta' Isfel u l-Asja tirrapreżenta 5084 siegħa mxandra u l-kummerċ intra-Ewropew f'formati ammonta għal 19995 siegħa mxandra. L-esportazzjoni ta' formati mill-Ewropa lejn it-Tramuntana tal-Amerika ammontawt għal 2213 siegħa meta mqabbla ma' 8363 siegħa mill-Amerika ta' Fuq lejn l-Ewropa.

³⁷ Eżempji ta' formati esportati globalment u adattati lokalment jinkludu programmi bħal "Who wants to be a Millionaire" u "Deal or no deal" u s-serje bħal "The Killing" and "The Bridge".

³⁸ Ara n-nota tal-qiegħ 28:

³⁹ Dawn jinkludu l-istandards tax-xandir DVB u l-Internet Protocol fit-twassil tal-kontenut. Oħrajn bħall-MPEG 25 u l-HTML-5 għall-preżentazzjoni tal-kontenut jistgħu jkollhom rwol dejjem akbar fil-futur.

vantaġġi (li tippermetti ekonomiji ta' skala u l-interoperabilità) u l-iżvantaġġi tagħha (ir-riskju tal-iffriżar tal-innovazzjoni).

HbbTV huwa standard tal-ETSI applikat minn numru ta' xandara, fornituri tal-kontenut, netwerks u manifatturi ta' apparati għall-konsumatur fl-Ewropa⁴⁰ biex jgħaqqad ix-xandir mal-kontenut tal-broadband. Funzjonalità waħda⁴¹ tal-HbbTV hija li tiskatta l-kontenut tal-broadband permezz ta' sinjali tax-xandir. Approċċ ieħor hu pjattaforma li toffri soluzzjoni sħiħa fejn ix-xandara u l-operaturi tan-netwerk jikkooperaw, bħal fl-eżempju ta' YouView tar-Renju Unit⁴². Fl-Italja, prinċipalment għal raġunijiet storiċi, l-istandard MHP⁴³ huwa użat għat-TV konness.

Jidher li sett tat-TV konness mixtri fi Stat Membru wieħed ta' spiss ma jippermettix modifika tas-settings biex jirċievi servizzi minn Stati Membri oħra⁴⁴ u ma jistax jirreaġixxi għall-attivazzjoni tas-sinjal tax-xandir leġittimament trasmess minn Stat Membru ieħor.

Xi manifatturi jistgħu jikkonfiguraw l-apparat tagħhom biex jillimitaw il-firxa ta' servizzi u applikazzjonijiet li wieħed jista' jaċċessa. Xi Stati Membri żviluppaw speċifikazzjonijiet nazzjonali bbażati fuq l-HbbTV. F'xi każijiet, l-applikazzjonijiet li jaqblu mal-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali mhumiex kompletament kompatibbli ma' apparati f'pajjiżi oħra. Barra minn hekk, f'xi każijiet, mekkaniżmi tekniċi speċifiċi (bħalma hi l-Amministrazzjoni ta' Drittijiet Diġitali) huma inklużi f'apparat li jissodisfa l-aspettattivi tal-atturi nazzjonali. Għall-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet, l-eżistenza ta' standards differenti tnissel il-bżonn li jelaboraw mill-ġdid il-prodotti tagħhom għal apparati differenti⁴⁵.

MISTOQSIJET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (6) Hemm hteġa għal azzjoni tal-UE biex tingħeleb il-frammentazzjoni attwali jew potenzjali u tiġi żgurta l-interoperabbiltà bejn il-fruntieri? Hemm hteġa li jiġu żviluppati standards ġodda jew aġġornati fis-suq?

2.4. L-infrastruttura u l-ispettru

Hu mistenni t-twassil ta' streams multipli ta' kontenut awdjoviżiv f'definizzjoni ta' kwalità għolja jew ultra, inkluż użu parallel u 3D,— anke b'teknoloġija ta' kompressjoni mtejba – biex tikber il-medda ta' frekwenzi meħtieġa biex wieħed jara l-kontenut fuq l-internet sa 100 Mbps u aktar. Il-Kummissjoni stabbiliet politika komprensiva biex trawwem l-iżvilupp tal-broadband fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa⁴⁶ u pproponiet il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa biex tippromwovi investiment immirat għall-infrastruttura fil-livell Ewropew⁴⁷. Barra minn hekk, il-Kummissjoni reċentement wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-aspetti speċifiċi

⁴⁰ Skont l-informazzjoni disponibbli fi żmien tal-kitba ta' dan id-dokument, HbbTV huwa diġà f'operazzjoni regolari f' CZ, DK, FR, DE, NL, PL, ES u CH, AT, FI, NO, SE u TR jew ħabbru pjanijiet biex jintroduċu HbbTV jew qed iwettqu testijiet. Hemm ukoll interess barra l-Ewropa.

⁴¹ Hemm ukoll il-portali tal-operatur tan-netwerk u l-portali tal-manifattur bbażati fuq l-HbbTV, kif ukoll l-applikazzjoni indipendenti.

⁴² YouView tnediet f'Lulju 2012 bl-ekosistema tagħha proprja ta' diversi kumpaniji jaħdmu flimkien. Bħall-bqija tal-pjattaformi tas-suq vertikali, din m'għandhiex arkitettura standardizzata bis-sħiħ.

⁴³ MHP, jew il-Pjattaforma Multimedjali Domestika (Multimedia Home Platform), tista' tiġi deskritta bħala sett ta' struzzjonijiet li jiggwidaw lis-sistema operattiva fuq riċevitur tat-TV diġitali biex taħdem ma' applikazzjoni interattiva tat-TV li tkun irċeviet. http://www.dvb.org/technology/fact_sheets/DVB-MHP_Factsheet.pdf.

⁴⁴ Diskussa f'laqgħat mal-partijiet interessati.

⁴⁵ Diversi atturi qed jimmiraw li jindirizzaw din il-kwistjoni eż.: <http://www.smarttv-alliance.org>; Open IPTV Forum.

⁴⁶ <http://ec.europa.eu/digital-agenda>.

⁴⁷ <https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/connecting-europe-facility>.

tat-trasparenza, il-ġestjoni tat-traffiku u l-qlib għall-Internet Miftuħ⁴⁸ u biġisiebha tipprovdi gwida oħra dwar din il-kwistjoni.

L-ispettru ddedikat ipprova lix-xandara b'riżorsi pubbliċi ta' valur biex tahom spazju għal attivitajiet ta' produzzjoni ta' programmi tagħhom proprja u ta' oħrajn. Madankollu, kien identifikat benefiċċju nett sinifikanti fl-allokkazzjoni mill-ġdid ta' parti mid-dividend diġitali fil-qlib minn trasmissjoni ta' sinjali ta' xandir analogu — il-faxxa 800 MHz — biex kien żviluppat aċċess għall-broadband mingħajr fili f'reġjuni mbiegħda. Dan kien ikkonfermat mill-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju⁴⁹, li stabbilixxa mira ta' 1200 MHz ta' spettru għall-broadband bla fili filwaqt li qiegħed pressjoni akbar fuq ir-riżorsi tal-ispettru disponibbli. Ir-riżorsi tal-ispettru jistgħu jiffaċilitaw il-forniment tal-kontenut awdjoviżiv terrestri u satellari kif ukoll il-funzjonalità interattiva neċessarja għall-forniment ta' kontenut u servizzi supplementari. Il-konverġenza tqajjem il-kwistjoni tar-rwol futur tax-xandir terrestri fil-forniment ta' dawn is-servizzi. L-atturi industrijali qegħdin dejjem jesploraw aktar mudelli ibridi li jgħaqqdu l-vantaġġi tal-broadband fit-twassil tal-għażla individwali tal-kontenut fuq talba mal-effiċjenza tax-xandir fil-produzzjoni tal-kontenut (eż. avvenimenti sportivi jew ta' divertiment diretti) simultanjament disponibbli lil udjenza kbira.

MISTOQSIJET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (7) Kemm huma rilevanti d-differenzi bejn pjattaformi individwali li jipprovdu kontenut (eż. xandir terrestri u bis-satellita, tal-broadband bil-fili inkluż kejbil, broadband mobbli) f'termini ta' esperjenza tal-konsumatur u obbligi ta' interess pubbliku?
- (8) Liema allokkazzjoni tal-frekwenza u mudelli ta' qsim jistgħu jiffaċilitaw l-opportunitajiet ta' żvilupp għal xandir, il-broadband mobbli u applikazzjonijiet oħra (bħalma hu tagħmir li jipproduċi l-programmi) trasportati fuq-istess meded ta' frekwenzi?
- (9) Fir-rigward tal-ispettru, liema ħtiġijiet ta' riċerka speċifiċi jridu jiġu indirizzati sabiex ikun faċilitat tali żvilupp?

3. VALURI

Il-valuri li jirfdu r-regolamentazzjoni tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva fl-Ewropa rriżultaw f'regoli li jsostnu l-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu tal-midja, il-promozzjoni tad-diversità kulturali⁵⁰, il-ħarsien tad-dejta personali kif ukoll il-protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi gruppi vulnerabbli bħall-minorenni u persuni b'diżabilità. L-isfida hija li jitrawwem ir-rispett għal dawk il-valuri f'ambjent konverġenti, permezz għażliet politiċi xieraq.

3.1. Il-qafas regolatorju

Il-motivazzjoni prinċipali tar-regolamentazzjoni tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva fil-livell tal-UE kienet is-Suq Intern, bil-prinċipju tal-pajjiż tal-orġini fil-qalba tagħha. Dan "is-suq uniku tat-TV Ewropew" għab miegħu sett minimu ta' regoli komuni li jkopru aspetti bħalr-reklamar, il-protezzjoni tal-minorenni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej.

L-approċċ teknoloġikament newtrali tal-AVMSD ifisser li l-istess servizzi huma regolati bl-istess mod irrispettivament mill-apparat li fuqu jkunu kkunsmati. Madankollu, l-AVMSD

⁴⁸ <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/line-public-consultation-specific-aspects-transparency-traffic-management-and-switching-open>

⁴⁹ <https://ec.europa.eu/digital-agenda/node/118>.

⁵⁰ Dan huwa valur intrinsiku li jrid jitħares f'konformità mal-Artikolu 167 tat-TFUE.

tagħmel distinzjoni bejn servizzi lineari (xandiriet televiżivi) u mhux lineari (fuq talba⁵¹), ibbażati fuq livell ħafna ogħla ta' kontroll tal-konsumatur f'servizzi fuq talba, li jiġġustifikaw inqas regolamentazzjoni stretta f'ċerti oqsma.

Ir-regoli tal-AVMSD japplikaw biss għal fornituri ta' servizzi tal-midja. Id-definizzjoni ta' dan il-kunċett hijabbazata fuq in-nozzjoni tar-responsabbiltà editorjali⁵². Sakemm fornitur jieħu r-responsabbiltà għall-għażla tal-kontenut u li jiddetermina l-mod kif dan huwa organizzat, is-servizzi tiegħu huma soġġetti għall-AVMSD anke jekk il-kontenut jingħata minn fuq l-Internet.

Servizzi lineari u mhux lineari se jikkompetu dejjem aktar fuq l-istess skrin, u xi drabi anki joffru minn fuq żewġ kanali ta' trasmissjoni l-istess kontenut għall-attenzjoni tal-istess udjenza. B'forom ġodda ta' kontenut on-demand li jidher aktar bħala kontenut lineari passiv, id-differenza bejn servizzi lineari u mhux lineari mill-perspettiva tal-konsumatur tista' tiċċajpar. Li kieku, fil-każ ta' dinja konverġenti, il-forniment lineari u mhux lineari ta' kontenut simili kellhom jitqiesu li qegħdin f'kompetizzjoni, allura d-differenzi li jeżistu bħalissa fir-reġimi jistgħu jfixklu r-relazzjoni. Min-naħa l-oħra, jekk il-livell ta' kontroll jibqa' aspett sinifikanti għall-utenti, imbagħad regolamentazzjoni differenzjata se żżomm ċerta loġika. Dan jirrikjedi li dawk li jfasslu l-politika jirriflettu dwar il-modi li bihom dawn il-bidliet se jaffettwaw il-perċezzjonijiet tal-konsumaturi tas-servizz riċevut u l-effettività tal-għodod kurrenti.

L-AVMSD tapplika biss għall-fornituri fil-ġurisdizzjoni tal-UE. Meta jitwasslu permezz tas-satellita, is-servizzi tal-midja awdjoviżiva jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jekk up-link tas-satellita tinsab fl-Istat Membru jew il-kapaċità tas-satellità użata 'tappartjeni għal dak l-Istat Membru'⁵³. Dawk ir-regoli ma jestendux għall-kontenut imwassal minn fuq l-internet minn pajjiż barra mill-UE, iżda li qed jimmiraw l-UE.

Bis-servizzi tal-midja minn barra l-UE dejjem aktar aċċessibbli permezz tal-Internet u s-satellita, l-isforzi biex tkun stabbilita l-ġurisdizzjoni fuq dawk is-servizzi se jimplikaw valutazzjoni tal-ħtieġa li tkun indirizzata l-ġurisdizzjonijiet li jirkbu fuq xulxin. Kwistjonijiet simili qed jiġu diskussi fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta.

Il-forniment ta' servizzi mhux lineari huwa wkoll suġġett għad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. F'ambjent konverġenti, ir-relazzjoni ta' din id-Direttiva mal-AVMSD se ssir aktar viżibbli⁵⁴. Dan huwa l-każ ukoll għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta, peress li l-ipproċessar tad-dejta personali ta' spiss ikun prerekwiżit għat-tħaddim ta' servizzi ġodda, anki jekk l-individwu ta' spiss ma jkun kompletament konxju tal-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta personali. Fil-mument li d-dejta ġenerata matul il-konsum tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva tkun relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli, dissir dejta personali, u bħala

⁵¹ L-AVMSD, l-Artikolu 1.1.g: "servizz on-demand tal-midja awdjoviżiva" (i.e. servizz tal-midja awdjoviżiv non-lineari) tfisser servizz tal-midja awdjoviżiva pprovdut minn fornitur ta' servizzi tal-midja għall-wiri ta' programmi fil-mument magħżul mill-utent u fuq it-talba individwali tiegħu abbażi ta' katalogu ta' programmi magħżul mill-fornitur ta' servizzi tal-midja;

⁵² Dan ifisser il-persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-responsabbiltà editorjali għall-għażla tal-kontenut awdjoviżiv tas-servizz tal-midja awdjoviżiv u li jiddetermina l-mod kif dan huwa organizzat (l-Artikolu 1(1)(d) tal-AVMSD). Din teskludi persuni fiżiċi jew ġuridiċi li sempliċiment jittrasmettu programmi li r-responsabbiltà editorjali tagħhom taqa' fuq partijiet terzi.

⁵³ L-Artikolu 2(4) tal-AVMSD.

⁵⁴ Ara b'mod partikolari "klawżola dwar is-suq intern" fl-Artikolu 3 kif ukoll l-Artikolu 4 u l-Artikoli 6-8.

konsegwenza taqa' taħt l-ambitu tad-Direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta (95/46/KE)⁵⁵. Qasam ieħor regolatorju relevanti huwa l-ħarsien tal-konsumatur⁵⁶.

Minħabba n-natura globali u kumplessa tal-Internet, l-awtoregolamentazzjoni hija għodda kumplimentari xierqa għal dan l-approċċ regolatorju. Fl-2012, il-Kummissjoni nediet proċess⁵⁷ ma' impriżi u partijiet interessati oħra biex jiġi żviluppata kodiċi ta' prattika t-tajba għall-eżerċizzji ta' awtoregolamentazzjoni u regolamentazzjoni konġunta. Dan wassal biex jiġu abbozzati prinċipji ta' awtoregolamentazzjoni u ta' regolamentazzjoni konġunta aħjar bl-għan li tkun żgurata effikaċja akbar⁵⁸.

Dawn għandhom jitqiesu bħala punt ta' riferiment għall-proċessi ta' awtoregolamentazzjoni u regolamentazzjoni konġunta li ssemew diġà fl-AVMSD⁵⁹.

F'dinja progressivament konverġenti, il-litteriżmu medjatiku jsir importanti wkoll għall-udjenzi, irrispettivament mill-età tagħhom. Il-Kummissjoni żviluppata diversi oqsma ta' politika għal-litteriżmu medjatiku, lil hinn minn daww inklużi fl-AVMSD⁶⁰. Il-litteriżmu medjatiku huwa definit bħala l-kapaċità li wieħed jaċċessa l-midja, jifhimha u jevalwaha b'mod kritiku l-aspetti differenti tal-midja u tal-kontenuti tagħha u johlq il-komunikazzjonijiet f'diversi kuntesti⁶¹.

MISTOQSIJET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (10) Fid-dawl tal-konverġenza bejn il-midja, hemm evidenza ta' distorsjoni tas-suq ikkawżata minn differenzazzjoni regolatorja bejn servizzi lineari u mhux lineari? Jekk iva, liema jkun l-aħjar mod biex jiġu indirizzati dawn id-distorsjonijiet filwaqt li jkunu protetti l-valuri li jirfdu l-qafas regolatorju tal-UE għas-servizzi tal-media awdjoviżiva?
- (11) Hemm bżonn li tiġi adattata d-definizzjoni ta' fornituri AVMS u/jew l-ambitu tal-AVMSD, sabiex daww attwalment barra soġġetti u wħud jew jew l-obbligi kollha tal-AVMSD jew hemm modi oħrajn li jipproteġu dawn il-valuri? Fuq liema oqsma ta' awtoregolamentazzjoni/regolamentazzjoni konġunta tista' ssir l-enfasi?
- (12) X'se jkun l-impatt ta' bidla ta' approċċ regolatorju awdjoviżiv fuq il-prinċipju tal-pajjiż tal-orijini u għalhekk fuq is-Suq Uniku?

⁵⁵ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31–50

⁵⁶ Eż. id-Direttiva 2005/29/KE dwar Prattiki Kummerċjali Żleali tħares lill-konsumaturi minn marketing qarrieq jew aggressiv, u jiżgura li kull pretensjoni li ssir mill-kummerċjanti fl-UE hija ċara, preċiża u sostanzjata; u d-Direttiva 2011/83/UE dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur tirregola diversi oqsma tad-drittijiet tal-konsumatur filwaq li tarmonizzahom. Informazzjoni dwar il-prodotti diġitali li jistgħu jitniżżlu jew disponibbli onlajn, pereżempju, se jkollhom juru informazzjoni ċara dwar l-interoperabbiltà u l-funzjonalità.

⁵⁷ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, COM(2011) 681 finali, <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0681:FIN:EN:PDF>

⁵⁸ <https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/principles-better-self-and-co-regulation-and-establishment-community-practice>.

⁵⁹ L-Artikolu 4.7.

⁶⁰ Artikolu 33.

⁶¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Approċċ Ewropew għal-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali", COM(2007)833.

- | | |
|------|---|
| (13) | Konverġenza akbar f'panorama awdjoviżiva qiegħda tittestja r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-AVMSD u d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroinku b'modi ġodda u f'liema oqsma? Tista' tipprovi eżempji prattiċi ta' dan? |
| (14) | Liema inizjattivi fil-livell Ewropew jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-livell tal-litteriżmu medjatiku fl-Ewropa kollha? |

3.2. Il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu⁶²

Il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu huma mnaqqxa fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-AVMSD⁶³ u r-regoli tal-kompetizzjoni jikkontribwixxu għas-sostenn tal-pluraliżmu tal-midja kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.

Permezz tal-Internet, iċ-ċittadini għandhom aċċess għal ammont bħal qatt qabel ta' informazzjoni u kontenut lil hinn mill-offerti nazzjonali, u jistgħu jipparteċipaw fit-tiswir tal-opinjoni. Dan jiffaċilita l-libertà tal-espressjoni u jsaħħaħ il-pluraliżmu fil-fehmiet,

kif ukoll, il-modi kif in-nies jirreletaw mal-iskambju tal-informazzjoni. Il-mekkaniżmi ta' filtrazzjoni, inklużi r-riżultati tat-tfittxija personalizzati, jagħmluha aktar probabbli li n-nies jirċievu aħbarijiet dwar il-qasam tal-interess tagħhom, u minn perspettiva li jaqblu magħha. Minn naħa waħda, dawn il-mekkaniżmi ta' filtrazzjoni u personalizzazzjoni għandhom potenzjal ċar li jagħtu aktar poter liċ-ċittadini, billi jippermettuhom jinnavigaw b'mod effiċjenti f'abbundanza kbira ta' informazzjoni li tikkaratterizza l-ambjent diġitali u li jirċievu servizzi mfassla apposta li jikkorrispondu mal-ħtiġijiet individwali tagħhom. Min-naħa l-oħra, dan jista' jnaqqas ir-rwol tal-midja bħala edituri fl-isfera pubblika u jsaħħaħ ir-rwol tal-fornituri tal-pjattaforma, pereżempju, il-kumpaniji onlajn. Dan tal-aħħar jistgħu mhux biss jiddeterminaw liema kontenut hu aċċessibbli iżda jistgħu wkoll ikollhom impatt fuq l-għażliet, eż. billi jvarjaw il-prominenza li biha ċertu kontenut jintwera, li jillimitaw l-abilità taċ-ċittadin li jbidel-offerta jew li jirrestrinġi ċerti applikazzjonijiet. Dan jista' jinfluwenza l-għażla *de facto* għaċ-ċittadini biex ikollhom aċċess għall-offerti tal-midja li tirrappreżenta pluralità ta' opinjonijiet u jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn iċ-ċittadini potenzjalment jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni vulnerabbli mingħajr ma jintebħu. Id-disponibbiltà ta' pjattaformi varji li jipprovdu kontenut ta' valur lill-utenti, kif ukoll il-ftuħ ta' daww il-pjattaformi, hija kundizzjoni importanti għal panorama tal-midja ta' suċċess.

L-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi raġonevoli ta' trasmissjoni fuq l-operaturi tan-networks, għat-trasmissjoni ta' kanali speċifikati tax-xandir għall-pubbliku, jekk għadd sinifikanti ta' spettaturi jużaw daww in-networks bħala l-mezz prinċipali tagħhom biex jiksbu aċċess għal dawn il-kanali⁶⁴. F'ċirkostanzi fejn il-kapaċità biex jintlaħqu l-udjenzi tiddipendi minn riżorsi skarsi ta' trasmissjoni, dan huwa mod biex tkun żgurata l-provvista ta' kanali speċifikati meta d-disponibbiltà tal-kontenut titqies mill-Istati Membri li hi neċessarja għal għanijiet ta' interess ġenerali. Fl-ambjent tal-broadband, il-kapaċità ta' trasmissjoni hija inqas ristretta fuq l-għażla tal-kontenut disponibbli għall-ispettaturi.

L-aċċessibbiltà tal-“kontenut ta' interess ġenerali”, inkluż fl-ambjent onlajn, tista' tkun limitata fil-prattika mid-deċiżjonijiet tan-negozju, bħal daww tal-manifatturi tat-tagħmir u/jew

⁶² Jekk jogħġbok hu nota wkoll tal-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu <http://ec.europa.eu/digital-agenda>.

⁶³ L-AVMSD tappoġġa l-pluraliżmu tal-midja billi tippermetti s-servizzi tal-midja awdjoviżiva li jiċċirkolaw b'mod ħieles fis-suq uniku, abbażi tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini u eż. permezz tal-Artikolu 14. Dan — flimkien mar-regoli speċifiċi dwar il-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej — jappoġġa l-pluraliżmu tal-midja.

⁶⁴ L-Artikolu 31 tad-Direttiva dwar is-Servizz Universali 2002/22/ kif emendata bid-Direttiva dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini 2009/136/KE.

tal-operaturi tal-pjattaformi li jistgħu jiġu aċċessati permezz ta' dan it-tagħmir jew tabilħaqq mill-fornituri tal-kontenut infużom⁶⁵.

L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw ukoll servizzi ta' xandir diġitali li għalihom l-aċċess għandu jiġi żgurat u l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali jistgħu jimponu obbligi fuq l-operaturi biex jipprovdu aċċess għal gwidi elettroniċi tal-programmi (EPGs)⁶⁶.

Anke jekk il-kontenut ikun aċċessibbli, tista' tkun sfida potenzjali għat-tele spettaturi li jsibu 'kontenut ta' interess ġenerali' f'ambjent imtejjeb b'ħafna kanali Għalhekk l-Istati Membri għandhom ukoll il-possibbiltà li jimponu obbligi b'relazzjoni mal-aspetti tal-preżentazzjoni ta' gwidi elettroniċi għall-programmi u faċilitajiet simili ta' navigazzjoni ulisti ta' programmiu

MISTOQSIJET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (15) Il-possibbiltà ta' għażliet pre-definiti permezz ta' mekkaniżmi ta' filtrazzjoni, inklużi faċilitajiet ta' tiftix, għandha tkun suġġetta għal intervent pubbliku fil-livell tal-UE?
- (16) X'għandu jkun l-ambitu ta' regolamentazzjoni eżistenti dwar l-aċċess (l-Artikolu 6 Direttiva tal-Aċċess) u s-servizz universali (l-Artikolu 31 tad-Direttiva dwar is-Servizz Universali) fid-dawl ta' żieda fil-konverġenza ta' servizzi lineari u mhux lineari fuq pjattaformi komuni? F'ambjent konverġenti ta' xandir/broadband, hemm ħtiġijiet speċifiċi biex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-konvenjenza biex jinstab u jtgawda l-'kontenut ta' interess ġenerali'?

3.3. Komunikazzjonijiet kummerċjali

L-AVMSD tistabbilixxi limiti fil-ħin ta' trasmissjoni għar-reklamar fix-xandir, pereżempju, 12-il minuta fis-siegħa, u tistipula kriterji dwar ir-reklamar ta' ċerti prodotti kif ukoll ir-reklamar fir-rigward ta' minorenni. Regoli kwalitattivi japplikaw kemm għas-servizz linerari kif ukoll għas-servizz mhux lineari, filwaqt li regoli kwantitattivi japplikaw biss għas-servizzi lineari. Fid-dawl tal-kompetizzjoni li qed tiżdied bejn is-servizzi lineari u mhux lineari u l-fatt li s-servizzi mhux lineari jistgħu jingħataw minn fornituri mhux soġġetti għal ġurisdizzjoni tal-UE, ix-xandara Ewropej jibżgħu li tali nuqqas ta' simetrija jpoġġihom fi żvantaġġ.

Fil-kuntest tal-konverġenza, xi tekniki innovattivi ta' reklamar qed juru l-limiti tar-regoli eżistenti. Il-Kummissjoni ġiet infurmata bit-tħassib dwar koperturi⁶⁸ kummerċjali fuq is-servizzi lineari tax-xandara u l-kwistjoni dwar jekk dawn jistgħux ikunu ta' sfida lill-iskop essenzjali tar-regolamentazzjoni tar-reklamar, b'mod partikolari jekk tdawn il-koperturi jistgħux jintwerew bi jew mingħajr il-kunsens tal-utenti u x-xandara. Komunikazzjonijiet kummerċjali moħbija fl-ambjent onlajn jistgħu jippreżentaw ukoll l-isfidi.

Il-personalizzazzjoni tal-offerti tal-kontenut tista' tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u r-reklamaturi, iżda tista' tiddependi fuq għodod li qed jirrappreżentaw sfida lill-protezzjoni tad-dejta personali. Ir-regoli Ewropej dwar il-protezzjoni tad-dejta⁶⁹ jistgħu jkabbbru l-fiduċja tal-konsumatur f'mudelli innovattivi tan-negozju, li huwa l-għan dikjarat tal-proposti tal-

⁶⁵ Fil-każ ta' tagħmir tat-televisin diġitali, l-Artikolu 24 tad-Direttiva dwar is-Servizz Universali jista' jintuża biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà. L-Anness VI bħalissa jiżgura eż., li s-sinjali trasmessi b'mod ċar jintwerew fuq apparati kapaċi jirrikostwixxu xandiriet kriptati.

⁶⁶ L-Artikolu 5(1b) tad-Direttiva tal-Aċċess 2002/19/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE

⁶⁷ L-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Aċċess 2002/19/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE.

⁶⁸ Elementi viżwali li jidhru fuq l-iskrin matul xandira.

⁶⁹ Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u r-Regolament propost dwar il-Protezzjoni tad-Dejta li jemenda d-Direttiva attwali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta.

Kummissjoni għar-riforma tal-qafas regolatorju tal-UE ppreżentati f'Jannar 2012⁷⁰. L-industrija tar-rikلامي introduċiet sistema awtoregulatorja⁷¹ għal reklamar onlajn ibbażat fuq l-imġiba, li fil-futur tista' tiġi estiża biex tkopri reklami tal-video flimkien ma' reklami tradizzjonali. Inizjattivi ta' standardizzazzjoni tal-industrija bħalma hi Do Not Track (DNT)⁷² għandha tkun ikkunsidrata.

MISTOQSIJET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (17) Ir-regoli attwali tal-AVMSD dwar il-komunikazzjonijiet kummerċjali se jibqgħu tajbin meta l-esperjenza ta' konverġenza progressivament issir realtà? Tista' tipprovi xi eżempju konkret?
- (18) Liema strumenti regolatorji jistgħu jkunu l-aktar adatti biex jindirizzaw it-tekniki tar-reklamar li qed jinbidlu b'mod rapidu? Hemm aktar lok għal awtoregolamentazzjoni/regolamentazzjoni konġunta?
- (19) Min għandu jkollu l-aħħar kelma dwar jekk għandhom jew m'għandhomx ikunu aċċettati l-koperturi kummerċjali jew tekniki ġodda oħra fuq l-iskrin?

3.4. Il-ħarsien tal-minorenni

Il-continuum tal-kontenut fil-kanali kollha ta' trasmissjoni lineari u mhux lineari regolati b'mod differenti jdgħajjed l-impatt tar-reġim regolatorju kurrenti għat-trasmissjoni lineari fl-aċċess għall-kontenut tat-tfal. Il-verifika tal-età effettiva, anki għall-aċċess għall-kontenut tal-adoloxxenti, tibqa' sfida. Barra minn hekk, differenzi fl-approċċ regolatorju għal tipi differenti ta' kontenut fuq l-iskrin jista' jagħmilha diffiċli għall-utenti biex jistabbilixxu ma' liema awtoritjiet jistgħu jilmentaw⁷³.

Fl-"Istrateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal" li tnediet f'Mejju 2012⁷⁴, il-Kummissjoni targumenta li għandu jiġi żviluppat aktar kontenut ta' kwalità għat-tfal u li t-tfal ukoll għandhom jitħarsu meta jużaw l-Internet. 31 kumpanija ewlenija fil-katina tal-valur inkitbu f'Koalizzjoni biex jiżiluppaw, permezz ta' proċess ta' awtoregolamentazzjoni, miżuri xierqa għal ħames azzjonijiet ewlenin: i) għodod tar-rappurtar sempliċi u b'saħħithom għall-utenti; ii) konfigurazzjonijiet ta' privatezza adattati skont l-età; iii) użu usa' tal-klassifikazzjoni tal-kontenut; iv) disponibbiltà usa' u użu tal-kontroll għall-ġenituri; u v) tneħħija effettiva ta' materjal tal-abbuż tat-tfal. Xi wħud minn dawn l-azzjonijiet jirrigwardaw l-AVMSD u jista' jiġu appoġġati b'emendi fil-leġiżlazzjoni. Ir-riżultati u l-impenji kollettivi kienu saru pubbliċi, inklużi rakkomandazzjonijiet għall-aħjar Prattiki. Il-kumpaniji ħarġu dikjarazzjonijiet individwali rigward l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha mal-Koalizzjoni bħala pjattaforma biex tiddiskuti l-progress matul l-2013.

MISTOQSIJET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (20) Ir-regoli attwali tal-AVMSD huma tajba biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi tal-protezzjoni tal-minorenni f'dinja tal-midja konverġenti?

⁷⁰ COM(2012)11 - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali)

⁷¹ A cross-European self-regulatory Framework for Online Behavioural Advertising (OBA): <http://www.iabeurope.eu/news/self-regulation-framework.aspx>.

⁷² Standard globali tad-DNT jiddeskrivi d-dettalji tekniċi ta' 'sinjal' li l-utenti jkunu jistgħu jibagħtu lill-fornituri permezz tat-tagħmir onlajn tagħhom, inkluż il-brawżer tal-internet tagħhom. Is-sinjal jindika l-preferenzi tagħhom rigward għall-ittraċċjar. <http://blogs.ec.europa.eu/neelie-kroes/donottrack/>.

⁷³ Eżempju fejn din il-kwistjoni tiġi indirizzata hija ParentPort.

⁷⁴ <http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/12/445>.

- (21) S'issa l-użu ta' għodod ta' kontroll mill-ġenituri jidher limitat minkejja li huma aktar disponibbli fuq it-tagħmir u l-applikazzjonijiet użati għall-aċċess għall-kontenut. Liema mekkaniżmi jistgħu jkunu tajbin biex l-ġenituri jsiru konxji ta' dawn l-għodod?
- (22) X'miżuri jkunu xierqa għall-verifika tal-età effettiva tal-utenti ta' kontenut awdjoviżiv onlajn?
- (23) Għandha l-AVMSD tiġi modifikata biex tindirizza, b'mod partikolari, ir-rating tal-kontenut, il-klassifikazzjoni tal-kontenut u l-kontroll mill-ġenituri fl-istazzjonijiet kollha ta' trasmissjoni?
- (24) Għandhom l-utenti jkunu infurmati aħjar u jingħataw aktar setgħa dwar fejn u kif jistgħu jikkumentaw jew jilmentaw dwar it-tipi differenti ta' kontenut? Il-mekkaniżmi attwali li jittrattaw l-ilmenti huma tajbin?
- (25) Il-mezzi li bihom l-ilmenti jiġu ttrattati (finanzjament, mezzi regolatorji jew mezzi oħra) huma xieraq biex jipprovdu rispons adegwat wara rapporti ta' kontenut ta' ħsara jew illegali, b'mod partikolari dawk li jinvolvu t-tfal? X'għandhom ikunu r-rwoli/responsabbiltajiet rispettivi tal-awtoritajiet pubbliċi, l-għaqdiet volontarji u l-fornituri ta' prodotti u servizzi biex ikun żgurat li jingħata rispons b'mod adegwat lill-persuni li jirrapportaw kontenut ta' ħsara jew illegali u ilmenti?

3.5. L-aċċessibilità għal persuni b'diżabbiltà

Aktar minn qatt qabel, it-teknoloġija toffri aktar possibilitajiet ta' għajjnuna lil persuni bi problemi ta' vista, smiġh u b'diżabbiltà konjittiva. Madankollu, dawn l-opportunitajiet jistgħu jintilfu jekk il-kontenut aċċessibbli, jiġifieri, is-sottotitli, il-lingwa tas-sinjali jew l-awdjodeskrizzjoni, ma jiġux prodotti jew ma jkunux disponibbli lill-utenti finali.

L-AVMSD diġà tobbliga lill-Istati Membri jħeġġu lill-fornituri tas-servizzi tal-midja jagħmlu s-servizzi tagħhom gradwalment aċċessibbli lil persuni b'diżabbiltajiet ta' vista jew tas-smiġh. L-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mill-Istati Membri tvarja b'mod konsiderevoli. Servizzi ta' aċċessibilità jistgħu jiġu inklużi fl-obbligi ta' trasmissjoni imposti mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva dwar l-aċċessibilità tal-web⁷⁵ u qed tesplora kif tista' ttejjeb aktar is-sitwazzjoni tal-prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq tal-UE u li jkunu stabbiliti rekwiżiti ta' aċċessibilità ġenerali fl-Att Ewropew li ġej dwar l-Aċċessibilità. L-adozzjoni ta' standard Ewropew li jkopri wkoll kwistjonijiet marbuta mal-aċċessibilità awdjoviżiva hija mistennija sa tmiem l-2013.

MISTOQSIJET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA:

- (26) Taħseb li hemm bżonn ta' sforzi oħra ta' standardizzazzjoni f'dan il-qasam?
- (27) X'inċentivi jistgħu jiġu offruti biex jitħeġġeġ l-investment f'servizzi innovattivi għall-persuni b'diżabbiltà?

4. IL-PASSI LI JMISS

Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-ideat mogħtija f'din il-Green Paper, fosthom billi jwieġbu għall-mistoqsijiet speċifiċi mniżżlin fiha, fl-indirizz li ġej:

⁷⁵ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku COM(2012)721 finali.

CNECT-CONVERGENCE-AV@ec.europa.eu

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija

Unit G1

Office BU25 05/181

B- 1049 Brussels

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tista' torganizza jew tipparteċipa f'laqgħat mal-partijiet interessati, inklużi l-industrija, il-konsumaturi, l-investituri, il-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Jekk jogħġbok ibgħat il-kummenti tiegħek sa 31/08/2013. Il-kontribuzzjonijiet li jaslu se jiġu ppubblikati fuq il-websajt tad-DG CONNECT, sakemm min jagħmel il-kontribut ma jitlobx mod ieħor. Huwa importanti li wieħed jaqra l-istqarrija speċifika dwar il-privatezza mehmuża ma' din il-konsultazzjoni għal tagħrif dwar kif id-dejta personali tiegħek u l-kontribut tiegħek se jiġu ttrattati.